______________________________

**Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli,**
**l-Ambjent u Tibdil fil-Klima**

______________________________

***Chairperson*, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi**

A.L. tal-2017

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT**
**(KAP. 549)**

**Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-iSkart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku) (Emenda), 2017**

| | |
|---|---|
| | B'permezz tas-setgħat mogħtija mill-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għamel ir-Regolamenti segwenti:- |
| Titolu u bidu fis-seħħ<br><br>L.S. 549.89 | 1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-iSkart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku) (Emenda), 2016 u għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Imaniġġjar tal-iSkart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku), 2014, hawn il-quddiem imsejħin bħala "ir-regolamenti prinċipali", u għandhom jidħlu fis-seħħ fil-XXXX 2017. |
| Jemenda r-Regolament 5 tar-Regolamenti prinċipali. | 2. Is-Sub-regolament (1)(a) tar-Regolament 5 tar-Regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat biex jinqara kif ġej:-<br><br>"kwalunkwe persuna li tiddisponi mill-WEEE fil-forma ta' skart muniċipali mhux isseparat tista' tiġi mmultata skont l-iSkeda ta' Multi skont Skeda 15." |
| Jemenda r-Regolament 13A tar-Regolamenti prinċipali. | 3. Referenza għal "skema ta' konformità ta' skart elettriku u elettroniku" fis-sub-regolament 3, 6 u 7 tar-Regolament 13A għandu jiġi emendat biex jaqra "skema ta' konformita` ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku". |
| Jemenda r-Regolament 13A tar-Regolamenti prinċipali. | 4. Is-Sub-regolament (4) tar-Regolament 13A tar-Regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat biex jinqara kif ġej:-<br><br>"Skema ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku awtorizzata għandha tipprovdi garanzija finanzjarja li tkun għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti, li għandha tkun f'forma jew ta' |

| | |
|---|---|
| | garanzija bankarja skont ir-rati preskritti fl-iSkeda 14 jew ta' assikurazzjoni fuq ir-riċiklaġġ. Il-garanzija finanzjarja għandha tiġi sottomessa lill-awtorità kompetenti fi żmien tlett (3) xhur mill-bidu ta' kull sena operattiva tal-iSkema ta'konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku. L-iskema għandha tinnotifika l-awtorità kompetenti jekk il-piż medju tal-EEE mqiegħed fis-suq mill-membri tagħha, jiżdied b'ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) u wara dan għandha fi żmien tletin (30) jum tirrevedi l-garanzija finanzjarja sabiex tirrifletti tali żieda." |
| Jemenda r-Regolament 13A tar-Regolamenti prinċipali. | 5. Is-Sub-regolament (5) tar-Regolament 13A tar-Regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat biex jinqara kif ġej:-<br><br>"L-assikurazzjoni fuq ir-riċiklaġġ msemmija fis-sub-regolamenti (2) u (4) għandha tkopri tal-anqas l-ispejjeż kollha tal-ġbir, it-trattament, l-irkuprar u r-rimi ambjentalment xieraq tal-WEEE li jinħoloq mit- tagħmir elettriku u elettroniku mqiegħed fis-suq f'Malta, għal perjodu li mħux anqas mill-ħajja tal-prodott:<br>Iżda l-awtorità kompetenti tista' tistipula miżuri addizzjonali li għandhom jkunu koperti mill-assikurazzjoni msemmija hawn fuq." |
| Jemenda r-Regolament 16 tar-Regolamenti prinċipali. | 6. Is-Sub-regolament (5) tar-Regolament 16 tar-Regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat biex jinqara kif ġej:-<br><br>Meta produttur jieqaf iqiegħed tagħmir elettriku u elettroniku fis-suq, il-produttur għandu japplika għal dereġistrazzjoni ma' l-awtorità kompetenti.<br>Mingħajr preġudizzju għall-obbligi u r-responsabbiltajiet fil-mument meta l-persuna kienet produttur reġistrat, l-awtorità kompetenti għandha ttemm ir-reġistrazzjoni ta' persuna wara s-sottomissjoni tal-formola ta' dereġistrazzjoni b'effett mill-aħħar ġurnata li matula l-persuna ntemmet milli tkun suġġetta li tkun reġistrata:<br><br>Izda meta titlesta l-formola ta' dereġistrazzjoni l-persuna għandha tindika kif hija tkun żgurat l-immaniġġjar ambjentalment xieraq ta' WEEE skond ir-regolamenti 12 u 13, sa l-aħħar data li tkun qiegħdet EEE fuq is-suq, u aktar żgurat li kull informazzjoni pendenti ġiet sottomessa lill-awtorità kompetenti meta ssir l-applikazzjoni għal dereġistrazzjoni." |
| Jemenda r-Regolament 19(1) tar-Regolamenti prinċipali. | 7. Is-Sub-regolament (1) tar-Regolament 19 tar-Regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat b'tali mod li regolament 17 jinqara regolament 16. |

| | |
|---|---|
| | |
| Jemenda r-Regolament 19(2) tar-Regolamenti prinċipali. | 8. Is-Sub-regolament (2) tar-regolament 19 tar-Regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat b'tali mod li regolament 17 jinqara regolament 16. |
| Jemenda r-Regolament 21(1) tar-Regolamenti prinċipali. | 9. Is-Sub-regolament (1) tar-Regolament 21 tar-Regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat biex jinqara kif ġej:-<br><br>"Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti dwar l-Iskart, 2011, persuni li beħsiebhom joperaw skema ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku kif meħtieġ skont dawn ir-regolamenti, inkluż il-ġbir, is-separazzjoni, il-ħażna, it-trattament, l-esportazzjoni u r-riċiklaġġ ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku, f'isem il-produtturi, jeħtieġ li jiksbu permess validu mill-awtorità kompetenti skont l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent. Applikazzjoni għall-approvazzjoni għandha tkun akkumpanjata b'miżata ta' ħames mitt Ewro (€500)." |
| Jemenda r-Regolament 21(5) tar-Regolamenti prinċipali. | 10. Is-Sub-regolament (5) tar-Regolament 21 tar-Regolamenti prinċipali għandu jiżdied biex jinqara kif ġej:-<br><br>"Skema ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku li tkun ingħatat permess, għandha meta tingħata l-permess jew it-tiġdid tiġi ċċarġjata miżata kif preskritt fl-Iskeda 16." |
| Jemenda r-Regolament 24(1) tar-Regolamenti prinċipali. | 11. Is-Sub-regolament (1) tar-Regolament 24 tar-Regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat biex jinqara kif ġej:-<br><br>"Produtturi jew rappreżentanti awtorizzati bħala produtturi awtokonformi, jew skemi awtorizzati ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku għandhom jużaw is-servizzi ta' awditur indipendenti, approvat mill-awtorità kompetenti, biex jiċċertifika l-informazzjoni kollha rrappurtata lill-awtorità kompetenti." |
| Jemenda r-Regolament 24(3) tar-Regolamenti prinċipali. | 12. Is-Sub-regolament (3) tar-Regolament 24 tar-Regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat biex jinqara kif ġej:-<br><br>"Fil-każ ta' skemi awtorizzati ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku, l-awditur ikun jeħtieġ li jiċċertifika li l-informazzjoni kollha rappurtata lill-awtorità kompetenti tkun kif speċifikat fil-permess tal-Awtorità Kompetenti stess." |

| | |
|---|---|
| Jemenda Skeda 9, Parti A Punt 1 tar-Regolamenti prinċipali | 13. Skeda 9, Parti A Punt 1 tar-Regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata b'tali mod li r-regolament 16 jinqara regolament 17. |
| Jemenda Skeda 13 tar-Regolamenti prinċipali | 14. Skeda 13 tar-Regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata b'tali mod li r-regolament 12 jinqara regolament 13A. |
| Jemenda Skeda 14 tar-Regolamenti prinċipali | 15. Skeda 14 tar-Regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata b'tali mod li r-regolament 12 jinqara regolament 13A. |
| Introduzzjoni ta' skeda ġdida lir-regolamenti prinċipali | 16. Minnufih wara Skeda 14 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied l-iSkeda 1 ta' dawn ir-Regolamenti. |
| Introduzzjoni ta' skeda ġdida lir-regolamenti prinċipali | 17. Minnufih wara Skeda 15 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied l-iSkeda 2 ta' dawn ir-Regolamenti. |

# SKEDA 1

## “SKEDA 15
## (Regolament 5)

### Skeda ta’ Miżati għar-rimi ta’ WEEE fil-forma ta’ skart muniċipali mhux separat

Kwalunkwe persuna li tiddisponi mill-WEEE fil-forma ta’ skart muniċipali mhux isseparat tista’ tiġi mmultata €100 għal kull biċċa ta' tagħmir elettriku u elettroniku mormi."

**SKEDA 2**

**“SKEDA 16**
**(Regolament 21)**

**Miżata għal skema ta’ konformità ta’ skart ta’ tagħmir elettriku u elettroniku awtorizzata**

Il-miżata li għandha titħallas mill-iskema ta’ konformità ta’ skart ta’ tagħmir elettriku u elettroniku awtorizzata malli tkun ingħatat il-permess jew malli tkun ingħatat it-tiġdid tal-permess tagħha skont ir-regolament 21 għandha tiġi kkalkolata kif ġej:

$$A*B = SF$$

fejn:-
“A” huwa n-numru ta' produtturi reġistrati li qegħdin jipparteċipaw fl-iskema;
“B” hija miżata ta' għaxar euro (€10) li għandha tintalab għal kull produttur reġistrat li jipparteċipa fl-iskema;
“SF” hija l-miżata ta’ l-iskema.

Il-miżata għandha tiġi sottomessa lill-awtorità kompetenti fi żmien sitt (6) xhur mill-ħruġ tal-permess jew it-tiġdid tiegħu.”